# QORTI TAL-APPELL
# (Sede Inferjuri)

## Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri
## B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2019**

## Appell numru: 251/2018/1

**Wara sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar bit-Talba numru:**
**datata 4 ta' Marzu, 2019**

## Joseph Caruana and Company Limited (C5918)

## vs.

## Christopher Borg (ID Nru: 20273(M)) u Christals Services Limited (C17272)

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell intavolat mis-socjeta' attrici Joseph Caruana and Company Limited minn decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 4 ta' Marzu, 2019. F'dik il-kawza s-socjeta' appellanti sostniet kif isegwi:

i. Is-socjeta' appellanti Joseph Caruana and Company Limited issostni li kkonsenjat merkanzija fl-ammont ta' elf hames mija u tmintax-il ewro (€1,518) lill-appellati Christopher Borg u Christals Services Limited ai termini tas-sales invoice datata 27 ta' Marzu, 2014 pprezentata mal-avviz

u mmarkata bhala Dokument A, u l-istatement datat 15 ta' Ottubru, 2016 anness mal-avviz u mmarkat bhala Dokument B (a fol. 2 u fol. 3 tal-process quddiem l-ewwel Qorti);

ii. Is-socjeta' rikorrenti appellanti tissottometti wkoll li malgrad li l-appellati allegatament ipprometew diversi drabi li sejrin ihalsu l-ammont minnhom dovut relatat max-xiri tal-merkanzija, dan qatt ma sar, u kien ghalhekk li s-socjeta' appellanti Joseph Caruana and Company Limited nhar il-5 ta' Ottubru, 2017 ipprezentat ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li din l-ittra ma gietx notifikata lill-entrambi l-appellati (ara ittra u notifika esebiti a fol. 40 sa fol. 44 tal-process quddiem l-ewwel Qorti);

iii. Sussegwentement is-socjeta' appellanti baghtet ittra legali datata l-1 ta' Gunju, 2018 fejn ghal darba ohra nterpellat lill-appellati jhallsu l-ammont dovut inkluz l-interessi madanakollu dan kien inutili (ara ittra a fol. 4 tal-process quddiem l-ewwel Qorti);

iv. Nhar id-9 ta' Settembru, 2018 is-socjeta' appellanti pprezentat Avviz quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghall-ammont ta' elf hames mija u tmintax-il ewro (€1,518) flimkien mal-interessi fl-ammont ta' hames mija u tmien ewro u hames centezmi (€508.05) bl-ispejjez tal-ittra nterpellatorja u tal-ittra a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Da parti taghhom l-appellati rrispondew ghall-kawza nhar il-5 ta' Ottubru, 2018 fejn fl-ewwel lok ressqu eccezzjoni preliminari li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'

Malta u *inter alia* fil-mertu rrispondew li l-ammont mitlub fl-avviz m'huwiex dovut u li t-talbiet tal-kawza huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

2. Illi t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar permezz tad-decizjoni tieghu datata 4 ta' Marzu, 2019 cahad it-talba tas-socjeta' appellanti Joseph Caruana and Company Limited ghall-hlas tal-kreditu fejn gie deciz kif isegwi:

> *'Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati u jiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta a tenur tal-art. 2148(b) tal-Kodici Civili, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati, konsegwentement jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.'*

3. Illi s-socjeta' attrici Joseph Caruana and Company Limited hassitha aggravata b'din id-decizjoni u kien ghalhekk li ntavolat l-appell odjern nhar it-22 ta' Marzu, 2019. Permezz tal-imsemmi appell hija ressqet zewg (2) aggravji kif isegwi:

a. Illi l-pretenzjonijiet tas-socjeta' attrici ma setghux jitqiesu li huma preskritti ghaliex kwalunkwe perijodu preskrittiv li seta' ghadda kien gie nterrott u/jew rinunzjat bir-rikonoxximent tal-istess intimat appellat li kien dovut minnu hlas tal-merkanzija lilu konsenjata mis-socjeta' appellanti;

b. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, it-Tribunal ghamel apprezzament erronju tal-fatti rizultanti mill-gurament u l-provi prodotti, meta qies illi l-gurament mehtieg a tenur tal-Artikolu 2160 kien gie

sodisfatt, u dan stante illi l-Onorabbli Tribunal ma kellux biss jara illi jittiehed il-gurament mill-kreditur appellat, izda kellu wkoll l-obbligu illi jezamina dak dikjarat b'gurament fid-dawl tal-provi l-ohra migjuba.

4. Illi da parti taghhom l-appellati Christopher Borg u Christals Services Limited wiegbu ghal dan l-appell nhar is-16 ta' April, 2019 u trattaw dawn l-aggravji bil-mod segwenti:

a. L-appellati jirribadixxu li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellati jissottolinejaw li l-bejgh bl-imnut sehh fis-27 ta' Marzu, 2014. L-azzjoni giet intavolata fil-5 ta' Gunju, 2018 u ghalhekk ben oltre t-tmintax (18) il-xahar li l-ligi tippreskrivi azzjoni ta' dan it-tip. Di piu' qabel l-intavolar ta' din l-azzjoni ma saret l-ebda azzjoni ta' interruzzjoni stante li huma qatt ma gew notifikati bl-ittra ufficjali 166A tal-5 ta' Ottubru, 2017. Di piu' l-perijodu preskrittiv fil-5 ta' Ottubru, 2017 kien gia ghadda. Referenza ssir ukoll ghall-gurament li ttiehed mill-intimat Christopher Borg f'ismu proprju u f'isem l-intimata Christals Services Limited fejn jissottomettu li l-gurament jissodisfa l-ligijiet ta' pajjizna kif ukoll il-gurisprudenza nostrana sabiex jirrendi l-azzjoni odjerna wahda preskritta.

Fir-rigward l-aggravju tal-interruzzjoni/rinunzja tal-preskrizzjoni, l-appellati jaghmlu referenza ghall-istess sentenza riportata mis-socjeta' appellanti fl-ismijiet **Austin Psaila -vs- Lother Slabick** fejn qalu li f'din is-sentenza l-Qorti ddikjarat li f'kaz ta' dubju ghandha tintlaqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u mhux kif moghtija l-interpretazzjoni mis-socjeta'

appellanti. L-appellati jishqu li ma kienx hemm la rinunzja u lanqas interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni l-appellati jissottomettu li t-Tribunal m'ghamel l-ebda apprezzament zbaljat tal-provi pjuttost kien hemm insufficjenza u nezistenza ta' provi validi minn naha tas-socjeta' attrici.

5. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2019 u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum. Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ewwel aggravju**

6. Illi l-ewwel aggravju jitratta l-apprezzament tal-provi fir-rigward tal-allegata nterruzzjoni/rinunzja tal-preskrizzjoni da parti tal-appellati Christopher Borg u Christals Services Limited. Bazikament il-provi mressqa mis-socjeta' appellanti quddiem it-Tribunal fir-rigward tal-interruzzjoni/rinunzja tal-preskrizzjoni kienu s-segwenti:

a. Kopja ta' ittra legali datata 1 ta' Gunju, 2018 mibghuta minn Joseph Caruana Co. Ltd lill-appellati Christopher Borg u Christals Services Limited (a fol. 4 tal-process quddiem l-ewwel Qorti);

b. Vera kopja tal-original tal-ittra ufficcjali a tenur tal-Artikolu 166A bin-numru 102/2017 datata 5 ta' Ottubru, 2017 mibghuta minn Joseph Caruana and Company Limited lill-appellati Christopher Borg u Christals Services Limited (a fol. 46 sa fol. 50 tal-process quddiem l-ewwel Qorti). Din l-ittra ma gietx notifikata b'success lill-appellati u dan hekk kif jidher

minn notifiki li jinsabu fuq il-pagna ta' wara a fol. 46 tal-process quddiem l-ewwel Qorti;

c. Depozizzjoni ta' Dr Michael Caruana – Managing Director tas-socjeta' appellanti fejn b'referenza ghall-interruzzjoni/rinunzja tal-preskrizzjoni jixhed kif isegwi:

*'Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li ahna konna ilna nigru wara s-Sur Borg minn mindu kkonsenjajnielu l-materjal. Konna nibghatulu statements regolari. Nghid li konna naghmlu kuntatt telefoniku permezz tan-numru tat-telephone tieghu cellulari wkoll, meta rrisponda kien jghidilna li ser immur ihallas il-warehouse ta' Malta, drabi ohrajn ma kienx jirrispondi u drabi ohrajn ukoll kien jaqta' il-linja. Diversi drabi meta jiena kont ghamilt kuntatt telefoniku mieghu u fil-fatt kont niehu nota tal-istess. …'.*
(ara deposizzjoni a fol. 31 sa fol. 32 tal-process quddiem l-ewwel Qorti).

Dr. Caruana pprezenta wkoll email datata 24 ta' Frar, 2017 li allegatament huwa kien baghat lill-appellat Christopher Borg flimkien ma' kopja tal-invoice numru 11580. (ara email a fol. 35 tal-process tat-Tribunal);

d. Depozizzjoni ta' Alex Caruana – impjegat mas-socjeta' appellanti Joseph Caruana and Company Limited fejn qal li:

*'Nghid li xahar wara li ahna konna bghatnilu l-merkanzija jiena personalment bdejt incempillu ghall- pagament u huwa kien jinfurmani li ser jigi jhallasna. Jiena bqajt naghmlu regolament wara. Kien hemm kazijiet fejn kien jaqtalna l-linja, drabi ohra kien jghidilna li ser jigi jhallas imma pagament baqa' qatt ma*

*sar. … L-istatement konna nircevuhom minn Ghawdex kull xahar pero' nibaghtuhom regolarment inkluz fir-rigward ta' dan il-kaz ukoll.'*
(ara deposizzjoni a fol. 33 sa fol. 34 tal-process quddiem l-ewwel Qorti).

7. Jirrizulta ghalhekk li ma ngabet l-ebda prova ta' notifika fir-rigward tal-ittra legali tal-1 ta' Gunju, 2018 u fi kwalunke kaz din ma tikwalifikax f'att gudizzjarju li tirrikjedi l-ligi sabiex tigi nterrotta l-preskrizzjoni. Jirrizulta wkoll li l-ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A bin-numru 102/2017 datata 5 ta' Ottubru, 2017 ma gietx notifikata. Jigi osservat ghalhekk li fid-data tal-5 ta' Ottubru, 2017 kienu gia ghaddew it-tmintax (18) il-xahar perijodu ta' preskrizzjoni. Kwantu ghad-depozizzjoni moghtija kemm minn Dr Michael Caruana kif ukoll minn Alex Caruana, ma ngabet l-ebda prova li tikkollabora dak li xehdu u cioe' li huma verament kienu ghamlu diversi tentattivi fosthom tramite telefonati. Kulma giet esebita kienet biss email datata 24 ta' Frar, 2017 li ntbghatet fuq email bl-indirizz postali chris@christalsservices.com. Prova ta' min hija l-email u jekk verament waslitx ma ngabitx pero' jista' jinghad b'certezza li anke fid-data tal-email u cioe' fil-24 ta' Frar, 2017 l-perijodu preskrittiv u cioe' dak ta' tmintax-il xahar kien gia ghaddew. In oltre l-Qorti ma tistax tinjora li *ex admissis* ix-xhieda tas-Socjeta' appellanti jammettu li hafna drabi meta jcemplu l-intimat lanqas biss kien jirrispondi jew jaqta'. Dan certament ma jikkwalifikax bhala nterruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Fid-dawl tal-provi esebiti ma ngabet l-ebda prova mis-socjeta' appellanti li permezz taghha l-perijodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar gie nterrott jew rinunzjat u ghalhekk id-decizjoni tat-Tribunal f'dan ir-rigward hija

gusta. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti.

**It-Tieni aggravju**

8. F'dan l-aggravju, is-socjeta' appellanti Joseph Caruana and Company Limited tilmenta minn apprezzament erronju tal-fatti rizultanti mill-gurament u l-provi prodotti. Hija tilmenta li t-Tribunal kellu jezamina l-gurament mehud mill-appellat Christopher Borg taht l-Artikolu 2160 fid-dawl tal-provi prodotti mis-socjeta' appellanti u mhux izolat mill-provi prodotti.

Illi l-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili ghal dak li huwa rilevanti ghall-kaz odjern jaqra:

*'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut;'*

Illi bl-emendi li gew introdotti bl-Att numru 1 tal-2017 li dahal fis-sehh fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) dan l-Artikolu 2148 jrid jigi allaccjat mal-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, ma*

*jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*

*(2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.*

*(3) Fil-proceduri ghall-gbir ta' debiti li ghalihom hemm referenza fil-proviso ghall-artikolu 2156, meta parti taghti gurament li hija mhijiex debitur, din trid taghti ragunijiet ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.*

9. Illi minn qari ta' dan l-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta wiehed jifhem li n-nozzjoni tal-gurament decizorju nbidel totalment minn kif kien qabel ma dahlu fis-sehh dawn l-emendi. Fejn qabel kien ikun l-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut, illum huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu jiehu l-gurament. F'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-16 ta' Frar, 2018 fl-ismijiet **P & S Limited (C-4860) et -vs- Noel Zammit et** fejn dwar il-kambjament fin-nozzjoni tal-gurament decizorju nghad is-segwenti:

*'12. Din ix-xorta ta' duttrina illum ma jidhirx li ghadha applikabbli sa fejn jirrigwarda l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat. Dak li kien gurament decizorju, illum, mhux bil-fors baqa' decizorju. Jista' jkun li gie rez fi prova bhal kull prova ohra insostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawza.*

*13. Fl-ewwel lok, fejn qabel kien ikun il-kreditur li jirreferi l-gurament decizorju lid-debitur konvenut fil-kawza, is-sitwazzjoni llum hi, li galadarba eccepita l-preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur (ara artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili). Ghalhekk il-figura passiva tieghu fil-ligi kif kienet qabel, giet sa certu punt, trasformata f'wahda attiva bil-ligi kif inhi llum. L-unika differenza li tezisti llum fl-artikolu in kwisjtoni, hija dik bejn djun ordinarji u dawk dovuti lill-Gvern kif imsemmija fil-proviso tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Fil-kaz ta' debiti imsemmija fil-proviso, id-debitur irid jaghti r-ragunijiet ghalfejn ma ghandux ihallas, mentri f'debiti ohrajn din il-kwalifika ma hiex mehtiega, anke, kif ser jinghad, il-kontro-ezami tad-debitur xorta jista' jsir.'*

10. Illi l-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi li l-intimat li jrid jipprevalixxi ruhu mill-preskrizzjonijiet brevi jew partikolari:

(i) jixhed minn jeddu u

(2) jaghti l-gurament waqt il-kawza li ma hux debitur.

Fil-kaz odjern l-intimat Christopher Borg f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' appellata Christals Services Limited xehed minn jeddu u bil-gurament fis-seduta ta' nhar il-14 ta' Jannar, 2019 fejn stqarr kif isegwi:

*'Nghid li l-ammont mitlub m'huwiex dovut la minni u lanqas mill-kumpanija tieghi Crystals Services Limited.'*

In kontro-ezami mistoqsi jekk il-firma fuq id-dokument A (esebit a fol. 2

tal-process rapprezentnati f'invoice tal-materjal supplit) jghid li

*'iva naghrafha pero' f'dan il-hin ma nistax nghid ta' min hi. Id-dettalji indikati fuq id-dokument 'A' huma tieghi.'*

Jirrizulta ghalhekk mix-xhieda suesposta li meta l-appellat Christopher Borg f'ismu proprju u f'isem Christals Services Limited xehed bil-gurament huwa qaghad esplicitament ma dak li jghid it-test tal-Ligi u ghalhekk ma jistax jinghad li l-elementi rikjesti sabiex tissussisti l-preskrizzjoni m'humiex sodisfatti. Inghad mill-Qorti ta' l-Appell nhar is-26 ta' Jannar, 2018 fl-ismijiet **Bottega Del Marmista Ltd -vs- Paul Mifsud et** li

> *'… Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehdu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehdu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-dispozizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta' lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*
>
> *'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa'.*
>
> *Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-*

*obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament,i l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.'*

*Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-pozizzjoni kienet differenti fejn '… Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skont il-ligi, l-attur ma jkunx jista jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuzjenza tad-debitur.'*[1]

Kif gia ezaminat fl-ewwel aggravju, ma jirrizultax pruvat li kien hemm l-interruzzjoni jew ir-rinunzja tal-preskrizzjoni. Din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kienet legalment u fattwalment gusta meta laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk sejra sabiex tichad ukoll dan it-tieni aggravju.

[1] Vincenza Vella -vs- Carmela armla Sciberras', Prim Awla, Qorti Civili deciza nhar is-16 ta' Jannar 1963

**Decizjoni**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' w'tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-aggravji kollha tas-soċjeta' appellanti u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-ismijiet premessi datata 4 ta' Marzu, 2019.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' appellanti.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imħallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Reġistratur**

**Vera kopja**

**D/Reġistratur**